**<u>Proposti tal-Oppożizzjoni dwar kif jista' jiġi mwettaq b'mod konkret ir-rapport tal-Kummissjoni Venezja</u>**

Wara li ġie ppubblikat ir-rapport tal-Kummissjoni Venezja, naħsbu li tajjeb li wieħed mhux biss iagħrbel ir-rapport iżda jibda x-xogħol biex jislet minnu l-konklużjonijiet u kif dawn jistgħu jiġu mibdula fi proposti konkreti għal tibdil fil-Kostituzzjoni u l-liġijiet tal-pajjiż. Il-fatt liż-żewġ partiti qablu li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Venezja għandhom jiġu mwettqa huwa punt tajjeb ta' tluq, iżda xorta wieħed irid jaqbel fuq id-dettalji ta' dak li jista' jiġi propost. L-għan tal-Kummissjoni Venezja u dak li qed nipproponu aħna f'dan id-dokunent huwa biex ikollna firxa aktar wiesa' tal-poter kif ukoll li jkun hemm iċ-*checks and balances* neċessarji.

**Elezzjoni tal-President:**

Ma jagħmilx sens li l-President jinħatar b'maġġoranza sempliċi tad-deputati tal-Kamra u jitneħħa b'maġġoranza sempliċi. Veru li hemm raġuni storika-politika għalfejn dan hu hekk,  u cioè li meta sar it-tibdil "tar-Repubblika" fl-1974 il-partiti fil-Parlament riedu li jbiddlu mill-inqas mill-poteri li sa dak iż-żmien kienu eżerċitati mill-Kap tal-Istat u l-Gvernatur Ġenerali; dan tal-aħħar seta' jiġi mibdul b'sempliċi notifikazzjoni lis-Sovrana fir-Renju Unit, iżda wara sitta u erbgħin (46) sena li sirna Repubblika, tajjeb li wieħed jbiddel il-Kostituzzjoni sabiex min jiġi elett fl-ogħla kariga fl-Istat igawdi fiduċja wiesa'. Għalhekk qed jiġi propost illi l-President ta' Malta għandu jinħatar b' riżoluzzjoni li tiġi sostnuta minn żewġ terzi tad-deputati. Wieħed jista' jieqaf hemm; wara kollox anki l-karigi tal-Ombudsman, l-Awditur Ġenerali u l-Kummissarji l-Istandards fil-Ħajja Pubblika irid jkollhom żewġ terzi ta' appoġġ biex jinħatru. Il-fatt li ma jkunx hemm alternattiva oħra ta'

elezzjoni jġiegħel lill-partiti jaqblu fuq nomina. L-esperjenza uriet li dil-proposta hija fattibbli għax fl-aħħar żewġ elezzjonijiet, minkejja li dir-regola llum ma teżistix, xorta waħda ntlaħaq qbil bejn iż-żewġ partiti fil-Parlament u kemm fil-ħatra tal-President Coleiro Preca u kif ukoll fil-każ tal-ħatra tal-President Vella, kien hemm maġġoranza ta' aktar minn żewġ terzi għall-ħatra tagħhom. Ta' min wkoll jgħid li, wara l-elezzjoni tiegħu, il-President Vella esprima ruħu favur l-introduzzjoni ta' din ir-regola. L-Oppożizzjoni diġà għandha abbozz ta' liġi ppreparat dwar din il-proposta

**Firxa aħjar tal-poter:**

Dwar dal-kumment tal-Kummissjoni, wieħed jista' jipproponi is-segwenti linja ta' azzjoni: llum l-istituzzjonijiet mwaqqfa bil-Kostituzzjoni għal skopijiet differenti u cioè l-Awtorità tax-Xandir, il-Kummissjoni Servizz Pubbliku, l-Kummissjoni Elettorali u l-Kummissjoni Impjiegi kollha jinħatru mill-Prim Ministru ħlief l-aħħar waħda fejn tnejn minn tlieta jinħatru fuq parir tal-Kap tal-Oppożizzjoni iżda t-tlieta l-oħra jinħatru mill-President fuq parir tal-Prim Ministru. Matul is-snin żviluppat tradizzjoni li f'dawn il-Kummissjonijiet nofs il-membri jinħatru minn fost nies li għandhom il-fiduċja tal-Gvern, in-nofs l-ieħor li jgawdu fiduċja tal-Oppożizzjoni u ċ-*Chairmen* rispettivi jipprova jintlaħaq kunsens. Fejn iżda dal-kunsens ma jintlaħaqx il-Prim Ministru juża l-poteri li tagħtih il-Kostituzzjoni u jaħtarhom hu. Veru li dawn in-nomini jsiru wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni, iżda fil-verità din mhi konsultazzjoni xejn iżda Kastilja tibgħat tinforma lill-Kap tal-Oppożizzjoni bil-ħsieb tagħha. Terġa' ebda Qorti ma tista' tindaga jekk saritx konsultazzjoni aħseb u ara kemm se tindaga jekk saritx sew!

Għalhekk tajjeb illi dik li hija tradizzjoni issa isir liġi. Il-kummissjonijiet u awtoritajiet fuq indikati għandhom jinbdew jinħatru mill-President, għar-rigward nofs minn fost membri nominati mill-Prim Ministru u n-nofs l-ieħor mill-Kap tal-Oppożizzjoni (dan diġà jiġri pereżempju fil-każ tal-Kummissjoni Impjiegi art. 120 tal-Kostituzzjoni); Iċ-*Chairpersons* ta' dawn l-organi Kostituzzjonali jinħatru b' maġġoranza ta' żewġ terzi tad-deputati kollha tal-Kamra tad-Deputati, u fejn dan ma jsirx f'ċertu terminu allura dan jinħatar mill-President li jaġixxi skont il-ġudizzju deliberat tiegħu u jeżerċita dal-poter mingħajr indħil u parir ta' ħadd. Dan ma japplikax għall-Kummissjoni Amministrazzjoni Ġustizzja li għandha tibqa' komposta kif inhi sabiex jiżdied l-iskrutinju tal-qrati fuq l-operat tal-Prim Ministru għandu jiġi abolit l-artikolu 86(3) tal-Kostituzzjoni li ma jħallix il-Qrati jissindakaw jekk il-Prim Ministru aġixxiex jew le fuq rakkomondazzjoni ta' xi persuna jew awtorità oħra anki jekk dik ir-rakkomandazzjoni skont l-artikolu 86(1) hija vinkolanti *("he shall exercise that function in accordance with such recommendation").* Fl-aħħarnett sabiex jiżdiedu xi ftit il-poteri tal-President hu propost illi:

(a) Il-prerogattiva tal-maħfra (art 93 tal-Kost.) tingħata f'idejh. Hu jista' jiġi assistit minn Kumitat Tekniku li jagħtih pariri iżda d-deċiżjoni tkun tal-Kap tal-Istat.

(b) Huwa jkun jista' jibgħat lura abbozz ta' liġi lill-Kamra għal rikonsiderazzjoni f'seduta speċjali. Dan jista' jsir għal raġunijiet ta' dubji dwar validità Kostituzzjonali. Jekk il-Kamra tinsisti li żżomm l-abbozz kif inhu allura tibgħat lura l-abbozz għall-firma tal-President li jkun obbligat li jagħti l-kunsens. Jekk tkun trid tagħmel xi emendi isir *recomittal* skont l-*Istanding Orders*. Dan ma japplikax għall-Att dwar l-Approprijazzjoni.

**Obbligu ta' Governanza Tajba:**

Qed nipproponu li fil-Kostituzzjoni jidħol provvediment sabiex l-Istat, bħala gwardjan tas-saltna tad-dritt u l-patrimonju nazzjonali u l-ġid tas-soċjetà jaġixxi legalment, b'mod raġjonveli u proporzjonat u li jonfoq il-fond pubbliċi bil-galbu u kif suppost.

**Iktar drittijiet liċ-ċittadin:**

Qed jiġi propost li kull persuna jew organizzazzjoni non governattiva tkun tista' tibda proċeduri sabiex liġi tiġi ddikjarata kontra l-Kostituzzjoni. Sal-lum persuna trid tipprova interess ġuridiku attwali u personali meta tattakka liġi fuq bażi ta' drittijiet tal-bniedem. B'hekk l-*actio popularis* jiġi estiż għal kull impunjazzjoni tal-liġi anke dawk fuq bażi tad-drittijiet tal-bniedem. Kawża fejn tiġi kontestata deċiżjoni tal-Amministrazzjoni Pubblika tista' wkoll issir minn kull persuna li tipprova "interess suffiċjenti" bħal fir-Renju Unit, u mhux biss min għandu interess ġuridiku personali attwali. Dan japplika naturalment għal azzjonijiet fi dritt pubbliku eż kontestazzjoni ta' att amministratttiv. B'hekk, għall-ewwel darba, l-ghaqdiet u assoċjazzjonijiet li ħafna drabi jkollhom interess iżda mhux wieħed personali u ġuridiku jistgħu jibdew kawżi kontra l-Gvern fil-kamp tad-dritt pubbliku. Il-ligi li titlob, taħt piena ta' nullità illi qabel ma ssir azzjoni kontra l-Gvern trid tinbagħat ittra uffiċjali għaxart'ijiem qabel, titħassar.

**Ħatra tal-membri tal-Ġudikatura:**

Wasal iż-żmien li s-sehem tal-Gvern fil-ħatra tal-ġudikatura jispiċċa sabiex b'hekk jiġi garantit li l-għażla ta-Imħallfin u l-Maġistrati tkun ħielsa minn kull indħil politiku. Qed jiġi għalhekk propost

illi jkun hemm Kumitat tan-Nomini tal-Membri tal-Ġudikatura, li fih il-membri tal-Ġudikatura jkollhom maġġoranza. L-għażla ssir mill-President ta' Malta li jaġixxi fuq il-parir vinkolanti tal-Kumitat, li jipproponi l-kandidat/i li għandhom jimla/ew l-vakanza/i li t/jkun/u nħolqot/u. In-nomini jsiru wara l-ħruġ ta' sejħa għall-applikazzjonijiet mill-Kumitat. Dan japplika wkoll għall-Magistrati li jixtiequ jimlew dawn il-vakanzi. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħatra ta' Prim Imħallef, l-ħatra tiegħu trid tiġi sostnuta minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra tad-Deputati.

**Deputati *Part Time* jew *Full Time:***

Id-diskussjoni hija waħda kontinwa. Hemm vantaġġi u żvantaġġi fiż-żewġ għażliet, forsi għalhekk tajjeb li wieħed joħroġ b'sistema li biha Membru Parlamentari malli jidħol fil-Parlament jagħżel ikunx *full time* jew *part time*, iktar milli l-liġi ġġiegħel lil kulħadd ikun *full time*. Il-periklu li kulhadd ikun *full time*, apparti l-kwistjoni li deputat jinqata' mid-dinja tax-xoghol u tan-nies, hi li meta wieħed ma jitlax bħala deputat isib ruħu bla xogħol b'konsegwenzi serji, l-aktar jekk dan jiġri meta deputat ikun għadu f'età żgħira. Dwar li deputati jitpoġġew fuq bordijiet, kummissjonijiet, korporazzjonijet pubbliċi u kumpaniji tal-Gvern, dawn m'għandhomx ipoġġu fuq bordijiet bħala membri, ufficjali, diretturi, *managers* jew *chairmen*. Lanqas ma jistgħu jinħatru bħala konsulenti legali jew xort'oħra ta' kull entità pubblika nklużi dipartimenti, korporazzjonijiet pubbliċi u kumpaniji tal-Gvern. Jistgħu jkunu impjegati basta jkunu ġew hekk impjegati mas-settur pubbliku *qabel* ma daħlu fil-Parlament. L-istess regoli li japplikaw għal deputati fis-servizz pubbliku f'dal kuntest ghandhom japplikaw għal deputati fil-korporazzjonijiet pubbliċi. (Kapitolu 462 tal-Liġijiet ta' Malta) cioè minn grad 6 'l fuq ebda impjegat f'korporazzjoni pubblika jew

kumpanja tal-Gvern ma jista' jkun ukoll deputat. Dan qed jiġi propost ukoll in vista tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissarju dwar l-Istandards Pubbliċi fejn qal: "Deputat *backbencher* kif jista' jagħti sehem ġenwin bħala… jekk huwa dipendenti fuq il-Gvern għall-għixien tiegħu?. Dan huwa kunflitt ta' interess ovvju" (Stqarrija tas-27 ta' Novembru 2019). Is-Segretarju Permanenti Prinċipali rrifjuta li jwettaq r-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju.

**Poteri tal-Gvern meta tissejjaħ elezzjoni ġenerali:**

Nemmnu li l-poteri ta' dak li b'mod komuni jissejjaħ *caretaker government* meta jiġi xolt il-Parlament u tibda l-kampanja elettorali, għandhom ikunu limitati. Sal-lum matul il-kampanja elettorali l-Gvern għandu l-poteri tas-soltu. Qed nipproponu li matul dak iż-żmien ma jsir ebda reklutaġġ jew promozzjonijiet f'ebda parti tas-settur pubbliku nkluż korporazzjonijiet pubbliċi u kumpaniji tal-Gvern. Lanqas ma jistgħu jinħolqu drittijiet reali jew personali fuq propjetà tal-Gvern jew jiġu ffirmati kuntratti ta' appalt jew servizzi, ħlief f'dawn l-aħħar żewġ każijiet f'każijiet urġenti u bil-kunsens bil-miktub tal-Prim Ministru u tal-Kap tal-Oppożizzjoni. L-Oppożizzjoni għandha abbozz ta' liġi diġà ppreparat f'dan is-sens.

**Ġlieda kontra l-korruzzjoni:**

Ir-rapport tal-Kummissjoni Venezja jikkritika d-dgħjufija fil-komposizzjoni u poteri tal-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni. Għalhekk tajjeb li wieħed jirrevedi kompletament dil-materja, iżarma l-Kummissjoni jew inkella jagħtiha poteri eżekuttivi. Soluzzjoni tista' tkun li flok Kummissjoni jkun hemm Kummissarju Kontra l-Korruzzjoni li jkun jista' jibda hu proċeduri

kriminali fejn hu l-każ mingħajr ma jiddependi mill-Pulizija eżekuttiva. Il-ħatra u tneħħija ta' min ikun fil-kariga ssir b'żewġ terzi tad-deputati fil-Parlament. Il-Pulizija, f'każijiet ta' korruzzjoni li jkunu ġew quddiem il-Kummissarju, tieħu l-ordnijiet tagħha mingħand il-Kummissarju ta' Kontra l-Korruzzjoni. L-Oppożizzjoni diġà għandha abbozz ta' liġi lest f'dan is-sens.

**Aktar libertà u ħarsien għall-ġurnalisti u l-midja:**

Kellna riċentement każijiet ta' entitaijiet b'saħħithom li biex ibeżżgħu lill-ġurnalisti jew individwi residenti jew domiċilajti f'Malta flok jibdew proċeduri ċivili f'Malta jagħżlu ġurisdizzjoni barranija konvenjenti għalihom biex jintimidawhom, minkejja li dik il-ġurisdizzjoni barranija ma jkollha l-ebda konnessjoni mal-pubblikazzjoni li jkun wettaq il-gurnalist/a f'Malta. Qed issir proposta biex ma titħallix l-eżekuzzjoni f'Malta mill-Qrati Maltin ta' deċiżjoni mogħtija minn Qrati barra minn Malta wara kawżi miġjuba biex jiċċensuraw, jintimidaw u jwaqqfu kritiċi f'Malta billi jġegħluhom iħallsu spejjeż legali kbar u jidħlu għall-inkonvenjent sostanzjali li jwassal lil dawn li jabbandunaw il-kritika jew oppożizzjoni tagħhom, liema xkiel fuq il-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni mhix aċċettabbli f'soċjetà demokratika. L-Oppożizzjoni diġà għandha lest abbozz ta' liġi dwar dak li jissejjaħ SLAPP, *Strategic Lawsuit against Public Participation.*

**L-Ombudsman:**

Il-ħatra, tneħħija u poteri tal-Ombudsman għandhom jiġu mdaħħla fil-Kostituzzjoni u jiġu *entrenched.* Kull sena, apparti r-Rapport Annwali, l-Ombudsman għandu jlesti Rapport tal-każijiet li ma ġewx implimentati mill-Amministrazzjoni Pubblika, minkejja r-rakkomandazzjoni tiegħu. Dan ir-rapport jiġi diskuss quddiem il-Kumitat tax-Xogħol tal-Kamra li jkun jista' jeżamina dawn

il-każijiet u jtella' xhieda għal dan l-iskop; finalment ir-rapport u t-testimonjanza tax-xhieda kollha mismugħa mill-Kumitat jintbagħtu lis-seduta plenarja tal-Kamra għad-diskussjoni.

**L-Avukat Ġenerali:**

In vista tal-poteri tal-Avukat Ġenerali li jibda, jissospendi jew jirtira proċeduri kriminali, (art 91 tal-Kostituzzjoni) nkluż dawk kontra uffiċjali għolja tal-amministrazzjoni pubblika, jeħtieġ li l-ħatra tiegħu ssir b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra tad-Deputati. L-istess għandu japplika għall-ħatra tal-Avukat tal-Istat. Il-poteri taż-żewġ karigi fuq imsemmija jistgħu jkunu suġġetti għall-skrutinju mill-Qorti fuq talba ta' kull individwu jew organizzazzjoni.

**Kummissarju tal-Pulizija:**

In-nomina tal-Kummissarju ssir wara ħruġ tal-applikazzjonijiet. Wieħed jista' wkoll jassoġetta tali nomina għal skrutinju tal-Kumitat dwar in-Nomini, riċentement kostitwit u ntrodott fil-*Public Administration Act*. Il-ħatra ssir mill-Kamra tad-Deputati b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra.

**Segretarji Permanenti:**

Xogħol is-Segreatarji Permanenti bħala l-ogħla uffiċjal pubbliku f'kull Ministeru hu dak li jara li d-dipartimenti kollha jimxu skont il-liġi, l-ġustizzja u l-ekwità; huwa punt indispensabbli sabiex, malli jkun hemm bdil ta' Ministru u/jew tal-Gvern, ix-xogħol tal-Ministeru mill-lat tas-servizz

pubbliku jibqa'  għaddej. Ma jagħmilx sens għalhekk, dak li ġara ricentement, li wara l-elezzjoni ġenerali li dawn intalbu li jirriżenjaw. Għalhekk qed jiġi propost li s-Segretarji Permanenti jiġu maħtura u mneħħija biss mill-President fuq ir-rakkomandazzjoni vinkolanti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-proċess ikun jinkludi sejħa għal applikazzjonijiet mill-PSC minn fost uffiċjali pubbliċi.

***Positions of Trust:***

Tajjeb li wieħed jirregola l-kwistjoni ta' *positions of trust*. Minħabba dubji Kostituzzjonali dwar validità ta' dawn in-nomini matul is-snin, l-pożizzjonijiet ta' fiduċja għandhom jiġu limitati għal erba' persuni kull Ministeru jew uffiċċju ta' Segretarju Parlamentari, b'dan però li tnejn ikunu mill-grad klerikali 'l fuq u tnejn *drivers /messengers*.

**Kunsill tal-Istat:**

L-idea kienet ġiet proposta xi snin ilu, issa huwa l-waqt li nwettquha. Il-Kunsill jista' jiġi kompost minn eks Presidenti, Prim Ministri, *Speakers* u Prim Imħallfin. Huma jistgħu meta jiġu mitluba jagħtu l-kummenti tagħhom dwar il-kostituzzjonalità ta' xi abbozz ta' liġi; jew kummenti oħra ġenerali dwar abbozzi li qed jiġu diskussi fil-Parlament. Il-poter tagħhom ikun limitat li jagħtu pariri u m'għandux japplika għall-estimi finanzjarji u l-Att dwar l-Approprijazzjoni.

**Legislazzjoni Sussidjarja:**

Minħabba l-volum enormi ta' leġislazzjoni sussidjarja l-iskrutinju tal-Parlament ta' din il-leġislazzjoni, li ħafna minnha tikkontjeni sanzjonijiet penali mhux żgħar, mhux qed isir sewwa. Tajjeb għalhekk li kif hemm fil-*House of Commons* fir-Renju Unit, jinħatar Kumitat Permanenti tal-Kamra tad-Deputati dwar Leġislazzjoni Sussidjarja li jeżamina l-kontenut ta' regolamenti u avviżi legali u tirraporta lill-Kamra. Fejn m'hemmx qbil fuq xi avviż legali partikolari, l-materja tiġi riferita għal diskussjoni minn sessjoni plenarja fi żmien stipulat, tagħti piena li l-avviż jiġi annullat.

**Konklużjoni:**

Dawn il-proposti tagħna m'humiex minquxa fil-blat. Nemmnu iżda li huma proposti ġusti li jwettqu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Venezja bis-serjetà u mhux biss formalment, bil-fatti u mhux bil-kliem biss. Bħala Oppożizzjoni serja, aħna miftuħin għal kull proposta, tiġi minn fejn tiġi. Is-soċjetà ċivili għandha rwol importanti f'dal-qasam u nittamaw li mal-pubblikazzjoni ta' dawn il-proposti jkollna r-reazzjoni u anke l-proposti ta' kull għaqda jew individwu li jixtiequ jagħmlu dan. Il-Kostituzzjoni mhix tal-partiti jew tal-politiċi biss, għalkemm dawn għandhom sehem importanti fit-tfassil u twettiq tagħha. Hija "l-istatut" tal-Istat Malti u bħala tali kulħadd għandu jkollu interess f'dak li jiġri f'dal-qasam. Nittamaw li dan ir-rapport u dawn il-proposti jniedu diskussjoni pubblika serja miftuħa u wiesa' fl-aħjar interess u ġid ta' pajjiżna.

15 ta' Mejju 2020

**Sommarju tal-Proposti:**

1. Il-President ta' Malta għandu jinħatar b'riżoluzzjoni li tiġi sostnuta minn żewġ terzi tad-deputati u jitneħħa bl-istess mod.
2. Il-*Chairpersons* tal-organi Kostituzzjonali jinħatru b'maġġoranza ta' żewġ terzi tad-deputati kollha tal-Kamra tad-Deputati u fejn dan ma jsirx f'ċertu terminu, allura dan jinħatar mill-President li jaġixxi skont il-ġudizzju deliberat tiegħu. Il-membri jinħatru mill-President għar-rigward nofs fuq parir tal-Prim Ministru u nofs fuq parir tal-Kap tal-Oppożizzjoni.
3. Għandu jiġi abolit l-artikolu 86(3) tal-Kostituzzjoni li ma jħallix il-Qrati jissindakaw jekk il-Prim Ministru aġixxiex jew le fuq rakkomondazzjoni ta' xi persuna jew awtorità oħra.
4. Il-ħatra ta' Prim Imħallef trid tiġi sostnuta b'maggoranza ta' mill-inqas żewġ terzi tal-Membri parlamentari u meta jkun hemm vakanza, l-membri tal-ġudikatura jinħatru mill-President li jaġixxi fuq il-parir vinkolanti tal-Kumitat ta' Ħatra li fih il-Ġudikatura jkollha maġġoranza ta' membri.
5. Il-prerogattiva tal-maħfra (art. 93 tal-Kost.) tingħata f'idejn il-President li jaġixxi waħdu.
6. Il-President jkun jista' jibgħat lura abbozz ta' liġi lill-Kamra għal rikonsiderazzjoni f'seduta speċjali.
7. Jidħol provvediment fil-Kostituzzjoni sabiex l-Istat jaġixxi legalment, b'mod raġjonevoli u proporzjonat u li jonfoq il-fond pubbliċi bil-galbu u kif suppost.
8. Kull persuna jew organizżazzjoni non governattiva tkun tista' tibda proċeduri sabiex liġi tiġi dikjarata kontra l-Kostituzzjoni mingħajr bżonn ta' interess personali; f'kawżi kontra l-Gvern (mhux Kostituzzjonali) biżżejjed li wieħed jipprova "interess" mhux bilfors ġuridiku u personali.
9. Il-liġi li titlob li tintbagħat ittra uffiċjali għaxart'ijiem qabel ma ssir kawża kontra l-Gvern taħt piena ta' nullità, tiġi mħassra.
10. Membri Parlamentari m'għandhomx ipoġġu fuq bordijiet bħala membri, uffiċjali diretturi *managers* jew *chairmen* ta' entitaijiet pubbliċi. Lanqas ma jistgħu jinħatru bħala konsulenti legali jew xort'oħra, ta' kull entità pubblika nklużi dipartimenti, korporazzjonijiet pubbliċi u kumpaniji tal-Gvern.
11. Il-*Positions of Trust* għandhom jiġu limitati għal erba' persuni kull ministeru jew uffiċju ta' Segretarju Parlamentari.
12. Ikun hemm Kummissarju kontra l-Korruzzjoni, maħtur b'żewġ terzi tad-deputati, li jkun jista' jibda hu proċeduri kriminali fejn hu l-każ.
13. Il-ħatra, tneħħija u poteri tal-Ombudsman għandhom jiġu mdaħħla fil-Kostituzzjoni u jiġu *entrenched.* Kull sena l-Ombudsman għandu jlesti rapport tal-każijiet li ma ġewx implimentati mill-Amministrazzjoni Pubblika li jiġi diskuss fil-Parlament.

14. L-Avukat Ġenerali jinħatar b'maġġoranza ta' żewġ terzi tad-deputati fil-Parlament u l-poteri tal-Avukat Ġenerali dwar proċeduri kriminali jkunu suġġetti għal skrutinju mill-Qorti fuq talba ta' kull individwu jew organizzazzjoni.

15. Il-ħatra ta' Kummissarju tal-Pulizija ssir mill-Kamra tad-Deputati b'riżoluzzjoni sostnuta minn maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra.

16. Segretarji Permanenti jiġu maħtura u mneħħija biss mill-President fuq ir-rakkommandazzjoni vinkolanti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

17. Wara xoljiment tal-Parlament, ma jsir ebda reklutaġġ jew promozzjonijiet f'ebda parti tas-settur pubbliku. Lanqas ma jistgħu jinħolqu drittijiet reali jew personali fuq propjetà tal-Gvern, jew jiġu ffirmati kuntratti ta' appalt jew servizzi.

18. Ma titħallix l-eżekuzzjoni f'Malta mill-Qrati Maltin ta' deċiżjoni mogħtija minn Qrati barra minn Malta wara kawżi miġjuba biex jiċċensuraw, jintimidaw u jwaqqfu kritiċi f'Malta.

19. Jinħatar Kunsill tal-Istat kompost minn eks Presidenti, Prim Ministri u Prim Imħallfin li jista' jagħti parir lill-Amministrazzjoni jew il-Parlament meta mitlub.

20. Jinħatar Kumitat Permanenti tal-Kamra tad-Deputati dwar legislazzjoni sussidjarja li jeżamina l-kontenut ta' regolamenti u avviżi legali u jirraporta lill-Kamra.